# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025**

**Numru 9**

**Rikors Numru 13/2024**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Geoffrey Debono għan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Car Sharing Services Malta Limited (C-87864) sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**
**vs**
**Ernestas Jankauskas (K.I. 189566(A))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Geoffrey Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Car Sharing Services Malta Limited (Is-Soċjeta' Attriċi) tal-10 ta' Jannar 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi fid-9 ta' Awwissu tas-sena 2019 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited harget polza assikurattiva bin-numru T97720448349 tat-tip "Self-Drive/Leasing" bl-isem *"Self-Drive Vehicles Insurance Policy"* b'kopertura *Comprehensive* fir-rigward il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CSH 161 appartenenti lis-socjeta' Car Sharing Services Malta Limited, liema polza kienet tkopri lil kull sewwieq awtorizzat mis-socjeta' Car Sharing Services Malta Limited u dana skond it-termini u l-kundizzjonijiet kemm tal-polza tal-assikurazzjoni in vigore bejn is-socjeta' esponenti GasanMamo Insurance Limited u s-socjeta' assikurata Car Sharing Services Malta Limited u kif ukoll skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' bejn is-socjeta' Car Sharing Services Malta Limited u x-xufier relattiv. Kopja tal-polza tal-assikurazzjoni, u certifikat tal-assikurazzjoni qieghdin jigu hawn annessi u esebiti bhala **Dok. GMI1** u **Dok. GMI2**;

2. Illi fis-16 ta' Ottubru 2019 waqt illi l-vettura msemmija kienet inkriet u qieghda tinstaq fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, mill-intimat Ernestas Jankauskas, sehh incident awtomobilistiku illi fih kienu nvoluti wkoll il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DCE 321 proprjeta' ta' Sean Borg, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KLY 064 proprjeta' ta' ECabs Company Limited [C-47981] – u dana skond ma jirrizulta mill-*Etars Report* hawn anness u esebit bhala **Dok. GMI3**;

3. Illi fil-hin tal-incident, irrizulta illi l-intimat kien taht l-effett tal-alkohol u dana wara illi sarlu l-*breathylser test* u dan skond ma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u esebita bhala **Dok. GMI4;**

4. Illi in vista ta' tali intossikazzjoni da parti tal-konvenut, huwa ma kienx igawdi minn kopertura tal-polza assikurattiva in kwistjoni; kiser il-kundizzjonijiet kuntrattwali li kellu ma' Car Sharing Services Malta Limited u kif ukoll avverat wahda mill-kundizzjonijiet tas-sub artikolu 12(1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sub artikolu jaghti dritt ta' rivalsa lil assikuratur awtorizzat minghand dik il-persuna li jkun gie ddikjarat responsabbli ghad-danni lit-terzi.

5. Illi s-socjeta' Car Sharing Services Malta Limited *qua* socjeta' assikurata irregistrat *claim* mas-socjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-incident *de quo* fis-16 ta' Ottubru 2019 u dana skond ma jirrizulta mill-*claim form* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. GMI5**;

6. Illi sussegwentement, is-socjeta' esponenti ghaddiet sabiex indennizzat lis-socjeta' Car Sharing Services Malta Limited is-somma ta' sebat' elef mija u sbatax -il Euro u dsatax -il centezmu [€7,117.19] somma rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta' assikurata mas-socjeta' esponenti u dan ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni u kwindi is-socjeta' esponenti GasanMamo Insurance Limited giet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha ai termini tal-polza u tal-Ligi. Kopji tal-ircevuti in konnessjoni mat-tiswijiet relattivi kif ukoll kopja tas-*Survey Report* relattiv jinsabu hawn annessi u esebiti kumplessivament bhala **Dok. GMI6A sa Dok. GMI6J**;

7. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti tal-Arbitragg fl-ismijiet "*Mapfre Middlesea p.l.c. noe et vs Ernestas Jankauskas et*" [Arb. Nru. M6196/2021] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Juliana Scerri Ferrante fil-5 ta' April 2023, l-intimat gie iddikkjarat bhala unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-

socjeta' rikorrenti hallset lil Mapfre Middlesea p.l.c. u eCabs Company Limited is-somma kumlessiva ta' tlett elef mija u seba' u tmenin Euro u seba' u sittin centezmu (€3,187.67) in linea ta' danni, spejjez, imghaxxijiet u *loss of earnings* u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dana wara illi giet debitament interpellata sabiex thallas mill-istess Mapfre Middlesea p.l.c. u eCabs Company Limited – **Dok. GMI7** u **Dok. GMI8**;

8. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti tal-Arbitragg fl-ismijiet "*Sean Borg vs Ernestas Jankauskas et*" [Arb. Nru. M6296/2021] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Juliana Scerri Ferrante fit-22 ta' Awwissu 2023, l-intimat gie iddikjarat bhala unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Sean Borg is-somma ta' hamest' elef sitt mija u tnejn u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€5,672.72) in linea ta' danni, spejjez u imghaxxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dana wara illi giet debitament interpellata sabiex thallas mill-istess Sean Borg – **Dok. GMI9** u **Dok. GMI10**;

9. Illi inoltre dawn l-ispejjez, is-socjeta' rikorrenti hallset ukoll is-somma kumplessiva ta' erba' mija u tnejn u sebghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu [€472.28] in kwantu ghas-somma ta' mitejn u erbatax -il Euro u wiehed u ghoxrin centezmu [€214.21] rapprezentanti l-ispejjez legali in konnessjoni mal-Arbitragg bin-numru M6196/2021 u in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin Euro u tmien centezmi [€258.08] rapprezentanti l-ispejjez legali in konnessjoni mal-Arbitragg bin-numru M6296/2021. Kopji tat-taxxi ufficjali qieghdin jigu hawn annessi u esebiti bhala **Dok. GMI11** u **Dok. GMI12** rispettivament;

10. Illi ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti sa llum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta' **sittax -il elf erba' mija u disa' u erbghin Euro u seba' u tmenin centezmi (€16,449.87)**;

11. Illi ghal dawn id-danni jahti unikament l-intimat u dana meta huwa saq il-vettura in kwistjoni taht l-effett tal-alkohol b'dana allura illi huwa ma kienx kopert taht il-polza tal-assikurazzjoni u kif ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt (*Subsriber Contract*) ma' Car Sharing Services Malta Limited u dana kif fil-fatt ser jirrizulta tul l-andamanet tal-kawza odjerna;

12. Illi interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni permezz ta' zewg ittri ufficcjali datati 18 ta' Mejju 2020 u 12 ta' Jannar 2022, l-intimat baqa' inadempjenti; u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni – kopji legali tal-imsemmija ittri ufficjali qieghdin jigu hawn annessi u esebiti bhala **Dok. GMI13** u **Dok. GMI14**.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikkjara illi l-konvenut ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CSH 161 u kiser il-kundizzjonijiet kuntrattwali ma' Car Sharing Services Malta Limited u dana stante illi huwa kien fi stat ta' intossikazzjoni fil-hin tal-incident datat 16 ta' Ottubru 2019;
2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ai termini tal-Artikolu 12(1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirrifondi lura id-danni, spejjez u imghaxxijiet legali sofferti mis-socjeta' rikorrenti liema danni gew imhallsa mis-socjeta' esponenti ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' **sittax -il elf erba' mija u disa' u erbghin Euro u seba' u tmenin centezmi (€16,449.87)** jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Mejju 2020 u tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar 2022, u dak tal-Mandat ta' Sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat illi huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat kif trid il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata.

Rat li l-konvenut kontumaċi ingħata żmien li jagħmel nota ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u baqa' ma għamel xejn.

Rat l-Atti u dokumenti kollha.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Is-Soċjeta' Attriċi ħarġet polza tas-sigurta a' favur is-Soċjeta' Car Sharing Services Malta Limited, liema polza iġġib in-numru T97720448349 tat-tip "Self-Drive/Leasing" u li b'din il-polza allura l-vettura CSH 161, propjeta' ta' Car Sharing Malta Limited kienet koperta u dan skond it-terminu u kundizzjonijiet tal-imsemmija kopertura.

Fis-16 ta' Ottubru 2019 din il-vettura kienet misjuqa mill-konvenut fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar meta seħħ inċident awtomobolistiku billi l-imsemmi baqa' dieħel f'żewġ vetturi oħra u ċioe' DCE 321 propjeta' ta' Sean Borg u vettura oħra KYL 064 propjeta' ta' ECabs Company Limited.

Jirriżulta manifestament li l-konvenut kien fi stat ta' sokor u li għalhekk huwa ċar li huwa jaħti għall-inċident inkwistjoni. Għalhekk is-Soċjeta' Attriċi, minħabba l-obbligi tagħha skond il-liġi u anke fid-dawl ta' żewġ Lodi ta' arbitraġġi kellha tħallas il-ħsarat kollha subiti mill-propjetarji taż-żewġ vetturi l-oħra. Dawn il-ħsarat jammontaw fit-totalita' tagħhom għal sittax -il elf erbgħa mija u disgħa u erbgħin punt sebgħa u tmenin tal-ewro (€16,449.87).

Għalhekk is-Soċjeta' Attriċi qed titlob mingħand il-konvenut l-ammont in linea ta' rivalsa.

**Punti ta' Liġi**

L-istitut tar-rivalsa jinbet minn relazzjoni kuntrattwali bbażata parzjalment fuq inadempjenza kuntrattwali u dan in vista tar-relazzjoni li għandu mal-assiguratur u l-polza relattiva, li tagħti dritt għal azzjoni biex ikunu rkuprati flejjes sborsjati mis-Soċjeta' Attriċi fl-interess tal-assigurat. Iżda sabiex din l-azzjoni tkun eżerċitabbli jeħtieġ li jiġu sodisfatti numru ta' elementi. Fil-każ tal-lum l-għoti ta' sentenza jew lodo fejn l-assigurat jinstab responsabbli għall-inċident permezz ta' pronunzjament ġudizzjarju, u li l-assiguratur iħallas lill-persuni li favur tagħhom ingħatat is-sentenza jew il-lodo, kull somma flus li l-assigurat ġie kkundannat iħallas permezz ta' dik is-sentenza

jew lodo. Sodisfatti dawn ir-rekwiżiti kumulattivi, jinbet id-dritt ta’ azzjoni tal-assiguratur għar-rimborż tal-flus li jkun ħareġ.

**Konsiderazzjonijiet**

Skond ir-rapport tal-Pulizija il-konvenut “*had a heavy smell of alcohol and could barely stand*” The tests of the bearthylizer were 100.1 ug/100ml (a’ fol 40). Di piu’ il-Lodo arbitrali ddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident iżda kkundanna għall-ħlas lis-Soċjeta’ Attriċi bħala responsabbli solidalment mal-konvenut għal dan il-ħlas. Fl-istess ġie rriservat id-dritt tas-Soċjeta’ Attriċi kontra l-konvenut għar-rivalsa tal-flejjes li din is-Soċjeta’ kellha tħallas lil terzi għal ħsara li sofrew (a’ fol 84 u ara wkoll arbitraġġ magħmul minn Sean Borg a’ fol 92).

Kif ta’ spiss intqal minn dawn l-Qrati, il-kontumaċja ma hiex ammissjoni anzi hija kontestazzjoni passiva. (ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Fenici Insurance Agency Limited -vs- Paul Stoner et.).** Għalhekk il-Qorti ser tagħmel l-apprezzamnt tal-Kawża daqs li kieku kien hemm kontestazzjoni għaliex il-kontumaċja ma jfissirx li għandha tibqa’ b’għajnejha magħluqa għal dak kollu li jintalab mill-Attur.

Issa huwa indubitat li skond il-polza ta’ sewqan taħt effett ta’ sokor ma hux kopert mill-assikurazzjoni. Di fatti l-polza tipprovdi “*Your policy does not cover...any accident, injury, loss or damage while any vehicle insured under this policy is being driven by any person who, with insured’s permission or to its knowledge, at the time was under the influence of intoxicating liquor or drugs*” (a’ fol 21). Kif intqal, il-Konvenut kien taħt l-

effett ta' sokor kif jemerġi b'mod abbundanti mill-provi. Għalhekk ma kienx kopert.

Issa fil-kawża jingħad, anke fl-okkju li s-Soċjeta' Attriċi ġiet issurogata fid-drittijiet tal-assikuratriċi tagħha sija bil-polza u kif ukoll bil-liġi. Ir-relazzjoni kuntrattwali b'din il-polza hija mas-Soċjeta' Car Sharing Services Malta Ltd u mhux mal-konvenut li huwa għal kollox estraneju għal din il-polza. Anke jingħad li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet kuntrattwali mas-Soċjeta' Car Sharing Services Malta Ltd, iżda mill-atti ma jirriżulta xejn minn dan kollu.

Skond din il-Qorti il-kwistjoni li għandha quddiemha ma hiex regolata mill-polza inkwistjoni iżda mil-liġi kif wara kollox anke jindika l-okkju tal-Kawża. Artikolu 1166 (c) jiddisponi li s-surroga ssir *ipso jure* favur ... dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu. Issa' dan il-każ hija s-Soċjeta' GasanMamo li kellha dan l-interess abbażi tal-artikolu 12(1) tal-Kap 104 tal-liġijiet ta' Malta.

A' propositu ta' dan l-artikolu partikulari jrid jingħad li s-surroga legali hi mogħtija lis-soċjeta` assikuratrici u dan anke skond l-insenjament ta' diversi awturi **Toullier ("Diritto Civile Francese", Vol VI pagna 88 para 175)** jirrikonoxxi li "*l'assicuratore come surrogato nei diritti dell'assicurato puo` esercitare le azioni di costui contro il danneggiante".* Hekk ukoll il-**Vivante ("Trattato di Diritto Commerciale", Vol II para 1972)** li jsostni illi "*la surrogazione personale dell'assicuratore nei diritti dell'assicurato e` una conseguenza naturale del pagamento dell'indennita`… il terzo colpevole del sinistro non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e`*

*rimasto estraneo … e percio deve rispondere del danno verso l'assicuratore che piglia il posto dell'assicurato*". (Ara a propożitu s-**sentenza a Vol XXVII pI p873).**

Din il-figura ġuridika tas-soċjeta` Attriċi assiguratriċi qua surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha bl-operat ta' l-Artikolu 1166 (c) baqgħet tiġi konfermata f'sentenzi aktar riċenti (Ara fost oħrajn **Sentenza tal-Qorti tal-Appell, tat-23 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet Edwin Caruana –vs- Joseph Gasan et noe)**.

Dan kollu jfisser illi ma kinetx meħtieġa għas-sostenn tal-posizzjoni ġuridika tas-soċjeta` assikuratriċi manifestazzjoni tassattiva ta' surroga abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni. Dan għaliex, kif ampjament muri, is-surroga tirriżulta *"ipso jure".*

Għalhekk fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-konvenut huwa tenut iħallas kif mitlub fir-rikors promotur.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mis-Soċjeta' Attriċi fl-ammont ta' sittax -il elf erbgħa mija u disgħa u erbgħin punt sebgħa u tmenin tal-ewro **(€16,449.87**).

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-10 ta' Jannar 2024 (data tal-presentata) sal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba għall-konvenut

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**